Nru. 17,818
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2005
Tuesday, 20th September, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 962

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,816 tat-13 ta' Settembru, 2005.

A.L. Nru. 316 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar Miżuri Minimi għall-Kontroll ta' Mard fil-Molluski Bivalvi.

A.L. Nru. 317 ta' l-2005: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Regolamenti ta' l-2005 dwar Trattament Indaqs fi Skemi ta' Sigurtà Soċjali Okkupazzjonali.

A.L. Nru. 318 ta' l-2005: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' l-Università (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 319 ta' l-2005: Att ta' l-2005 dwar Arkivji Nazzjonali (Att Nru. V ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 36 dwar l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55.

L-20 ta' Settembru, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 962

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,816 of the 13th September, 2005.

L.N. No. 316 of 2005: Veterinary Services Act (Cap. 437); Bivalve Molluscs (Minimum Measures for the Control of Diseases) Rules, 2005.

L.N. No. 317 of 2005: Social Security Act (Cap. 318); Equal Treatment in Occupational Social Security Schemes Regulations, 2005.

L.N. No. 318 of 2005: Education Act (Cap. 327); University Fees (Amendment No. 2) Regulations, 2005.

L.N. No. 319 of 2005: National Archives Act, 2005 (Act No. V of 2005); Notice of coming into force of article 36 relating to the Notarial Profession and Archives Act, Cap. 55).

20th September, 2005

Nru. 963

TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Nru. V ta' l-1995), il-President ta' Malta, fid-9 ta' Settembru 2005, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' l-Avukat Dott. Raphael Fenech Adami, LL.D., bħala Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar għal perjodu ta' ħames snin.

L-20 ta' Settembru, 2005
(OPM/233/95)
(MJ/1/93/II/49)

No. 963

SMALL CLAIMS TRIBUNAL

IT is notified that, in terms of the Small Claims Tribunal Act (No. V of 1995), the President of Malta, on the 9th September 2005, acting on the advice of the Prime Minister, approved the appointment of Advocate Dr Raphael Fenech Adami, LL.D., as Adjudicator in the Small Claims Tribunal for a period of five years.

20th September, 2005

Nru. 964

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Settembru, 2005 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 943 tat-13 ta' Settembru, 2005 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-16 ta' Settembru, 2005
(OPM 1/2005)

No. 964

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 16th September, 2005 and that the arrangements made by Government Notice No. 943 of the 13th September, 2005, ceased to have effect accordingly.

16th September, 2005

Nru. 965

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuna msemmija hawn taħt biex tkun membru tal-Bord ta' l-Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizzi ta' Xogħol u Taħriġ biex jaraw il-kompetenzi kif indikat. Din il-ħatra ġdida hija neċessarja wara r-riżenja mill-Bord tas-Sur Joseph Attard:-

Electronics Servicing

Membru Tekniku
Is-Sur Valentino Cachia

L-20 ta' Settembru, 2005

No. 965

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Member

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the person listed hereunder to be appointed member of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act 1990 to assess the competences as indicated. This new appointment is needed following the resignation from the Board of Mr Joseph Attard.

Electronics Servicing

Technical Member
Mr Valentino Cachia

20th September, 2005

Nru. 966

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPIEG

Nomina ta' Membri tal-*Youth Specialisation Studies Scheme Credentials Committee*

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg innomina lill-persuni hawn taħt imsemmija bħala membri tal-*Youth Specialisation Studies Scheme Credentials Committee* għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-12 ta' Mejju 2005:

Chairman
Dott. James Calleja

Membri
Is-Sur Edward Calleja
Ms Annabelle Vassallo
Dott. Justin Fenech

Segretarja
Ms Mariella Orlando

L-20 ta' Settembru, 2005

No. 966

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Youth Specialisation Studies Scheme Credentials Committee

IT is notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employment has appointed the persons listed hereunder on the Youth Specialisation Studies Scheme Credentials Committee for a period of one year with effect from 12th May 2005:

Chairman
Dr James Calleja

Members
Mr Edward Calleja
Ms Annabelle Vassallo
Dr Justin Fenech

Secretary
Ms Mariella Orlando

20th September, 2005

Nru. 967

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMTARFA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet tal-bibien fil-lista ta' toroq f'Santa Venera, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 967

RENUMBERING OF DOORS AT SNTA VENERA

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Resources and Infrastructure has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned list of streets at Santa Venera, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
SANTA VENERA

TRIQ IL-BIR

Meta tidħol minn Triq il-Kbira San Ġużepp

Entering from Triq il-Kbira San Ġużepp

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Ċentru Animazzjoni Missjunarja	1
Side Door	2
Side Door	3
Dar G. De Piro	4

Nru. 968

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 968

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 231	Gabriella Cuschieri	Elektra 'Casa Said', Triq it-Torri Sliema	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	22.06.05
CD/3209/2005 Pt 235	Gordon Cassar	Flash Point No. 3, Triq is-Suq Żejtun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.3 52.45 52.48.3	27.06.05
CD/3209/2005 Pt 303	Anthony Gafà	Itzibitzi Triq it-Tumbarellu Għaxaq	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.33 52.43 52.48.13 93.022	23.08.05
CD/3209/2005 Pt 321	Nathan Farrugia	Iasis Wellbeing & Fitness Centre Triq iż-Żinżell Marsascala	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI – Social and personal services*	93.04	09.09.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 322	Bernard Debono	Triton Fisheries 3 Howard Bldgs. Triq il-Korp tal-Pijunieri Buġibba, San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.22 52.23	09.09.05
CD/3209/2005 Pt 323	Raymond Bonnici	24, Triq Ferdinand Calleja Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46	09.09.05
CD/3209/2005 Pt 324	Raymond Bonnici	10, Triq Ferdinand Calleja Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46	09.09.05
CD/3209/2005 Pt 330	Elaine Bezzina	Evergreen Triq Muscat Anton Azzopardi Rabat, Malta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	14.09.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

L-20 ta' Settembru, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

20th September, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 91

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat

Nhar il-Ħadd, it-2 ta' Ottubru, 2005 mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Duminku, Kola Xara, il-Kulleġġ and Ġorġ Borg Olivier.

Il-vetturi li jiksru din l-Ordni, jistgħu jiġu rmunkati.

L-20 ta' Settembru, 2005

POLICE NOTICE

No. 91

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Rabat

On Sunday, 2nd October, 2005 from 5.00 p.m. to 9.00 p.m. through the following streets: Misraħ San Duminku, Kola Xara, il-Kulleġġ and Ġorġ Borg Olivier.

Vehicles found in contravention of this Notice are liable to be towed.

20th September, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Project Leader* (*Public Private Partnership Unit*) fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Project Leader* fil-*Public Private Partnership Unit* fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuni magħżulin ikunu mistennija li jidħlu f'kuntratt għal tliet snin bħala *Project Leaders (Public Private Partnership Unit)* fil-Ministeru tal-Finanzi, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin, fuq bażi ta' servizz u riżultati sodisfaċenti. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Project Leader* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjali Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-ħatra sustantiva tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal din il-ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta meta

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Project Leader (Public Private Partnership Unit) in the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Project Leader in the Public Private Partnership Unit, Ministry of Finance.

2.1 Selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Project Leader (Public Private Partnership Unit) Ministry of Finance, which may be renewed thereafter for further periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Project Leader during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the

jintemm il-kuntratt. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-massimu ta' Skala 5 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Project Leader* u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' *progression*, hi titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Project Leader (Public Private Partnership Unit)* ikollha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 5 (bħalissa Lm9,171 fis-sena). F'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku b'ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħha u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Persuna fil-ħatra ta' *Project Leader* tkun intitolata għall-*performance bonus* sa massimu ta' għaxra fil-mija (10%) tas-salarju bażiku jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

4. Id-doveri ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Project Leader* jinkludu fost oħrajn li:

Tipprovdi dak l-*expertise* meħtieġ għall-iżvilupp b'suċċess tal-proġetti tal-*Public Private Partnership;*

Tifforma u tikkomunika politika u prattika lis-setturi pubbliċi u privati;

Tindirizza u ssib soluzzjonijiet għall-impedimenti li jistgħu jfixklu l-programm tal-PPP;

Tikkummissjona min jikteb, jew tikteb, noti ta' prattika fuq:
Il-proċess ta' *procurement*
Termini li normalment jintużaw f'kuntratti
Il-kriterji ta' kif jintagħżlu proġetti tal-*Public Private Partnership*, u

termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a higher salary scale than the maximum of Salary Scale 5 of the Malta Public Service, he/she will be required to relinquish the duties of Project Leader and be transferred to duties pertinent to his/her new substantive appointment. Moreover, if the substantive basic salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 5 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3.1 The position of Project Leader (Public Private Partnership Unit) attracts a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm9,171 per annum). In the case that the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position as Project Leader will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The Project Leader will be entitled to a bonus related to performance of up to a maximum of ten percent (10%) of his/her salary, subject to satisfactory performance.

4. The duties of Project Leader include the following:

Providing expertise for the successful development of the Public Private Partnership projects;

Articulating and communicating policy and practice to the public and private sectors;

Addressing and resolving impediments to the fulfilment of the PPP programme;

Commissioning or writing practice notes on:
The procurement process;
Standard contractual terms;
The criteria for accepting projects for PPP procurement; and

Il-metodoloġija ta' *value for money* meta jiġu assessjati l-offerti tal-*Public Private Partnership*

The value for money methodology for assessing PPP bids.

Tgħin lill-ministeri dwar kif jiżviluppaw programmi u kif jistrutturaw proġetti;

Assisting line ministries to develop programmes and to structure projects;

Teżamina mill-qrib proposti ta' proġetti skond il-kriterji tal-*Public Private Partnership*; u

Scrutinising project proposals inline with the PPP criteria; and

Tagħmilha ta' direttur tal-proċess, billi taħdem mat-timijiet tekniċi tal-ministeri, fuq kull *procurement* tal-PPP.

Acting as process director, working with the ministry technical teams, on all PPP procurements.

5.1 L-applikanti għandhom ikunu:

5.1 Applicants must be:

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

a) (i) citizens of Malta; or

(ii) ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which the EU provisions apply); or

(iv) il-konjugi u t-tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

b) able to communicate in the Maltese and English languages;

ċ) ikollhom *post-graduate degree* jew kwalifika ta' studju xierqa komparabbli, rikonoxxuta f'wieħed minn dawn l-oqsma:

c) in possession of a recognised post-graduate degree, or an appropriate, comparable qualification, in one of the following areas of studies:

Business Management, Accountancy, Ekonomija, Finanzi, Studji Legali, Inġinerija, jew oqsma relatati,

Business Management, Accountancy, Economics, Finance, Legal Studies, Engineering or related fields,

u tliet snin esperjenza ta' xogħol (li waħda minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management),*

plus three years relevant experience (one of which must be in a management position),

JEW

OR

ikollhom *first degree*, jew kwalifika xierqa komparabbli, rikonoxxuta f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

Business Management, Accountancy, Ekonomija, Finanzi, Studji Legali, Inġinerija, jew oqsma relatati,

u tliet snin esperjenza ta' xogħol (li waħda minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management):*

u

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma mpjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record;* waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata konsiderazzjoni lill-applikanti li, barra l-kwalifiki msemmija hawn fuq ikollhom esperjenza fi *project management* jew f'qasam legali u li għandom inizjattiva u abilità kif jittrattaw mal-pubbliku.

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

in possession of a recognised first degree, or an appropriate, comparable qualification, in one of the following areas of studies:

Business Management, Accountancy, Economics, Finance, Legal Studies, Engineering or related fields,

plus five years relevant experience (one of which must be in a management position),

and

d) be of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or a competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have been in Malta Government Service, giving details.

5.2 Due consideration will be given to applicants who, in addition to the eligibility qualifications mentioned above, have experience in a project management/legal environment and who have the necessary initiative and aptitude to deal with the public.

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post/position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku Malti jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku Malti, liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:

http://www.mpo.gov.mt.

11 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2005.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa (+ 356) 21251356.

14. (a)Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi għal kull

7.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers with the Public Service of Malta or as stipulated in the contract applicable for Public Officers in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:-

http://www.mpo.go.mt.

11. Applications together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 14th October 2005.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry of Finance, Maison Demandols, South Street, Valletta CMR 02, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Ministry of Finance is (+356) 21 251356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services,

applikazzjoni li titwassal id-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

L-20 ta' Settembru, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *General Practitioner* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* ikkwalifikati għall-postijiet ta' *General Practitioner* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *General Practitioner* għandu salarju ta' Lm7,039 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,575 fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 6).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa u l-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

Ministry of Finance and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

20th September, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of General Practitioner in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from qualified medical practitioners for the posts of General Practitioner in the Health Division.

2.1 The post of General Practitioner carries a salary of Lm7,039 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,575 (Salary Scale 6).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt is-*Senior Medical Officer* jew il-*Principal Medical Officer* inkarigat miċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-aħħarnett taħt id-Direttur tal-*Primary Health Care*.

Id-dmirijiet tal-persuna nominata jinkludu li:

a) tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti li jmorru fiċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-ispiżeriji tal-Gvern;

b) iżżur lill-pazjenti f'darhom meta jkun meħtieġ;

ċ) tara lill-pazjenti fil-kliniċi ta' l-ispeċjalisti fiċ-Ċentri tas-Saħħa;

d) iżżomm *records* kliniċi bir-reqqa tal-pazjenti u ta' kull informazzjoni oħra mitluba mid-Diviżjoni;

e) tassigura l-użu xieraq tar-riżorsi u l-faċilitajiet li jkunu disponibbli għaliha;

f) tieħu sehem regolarment fi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu;

g) tagħmel xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-*Primary Health Care* kif jinħtieġ.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tuża t-trasport tagħha fuq xogħol uffiċjali fuq bażi ta' ħlas lura bir-rata approvata kull darba li tkun taħdem jew tintbagħat fuq qadi tas-Servizz ta' *General Practitioners*, ħlief fil-każ li tiġi eżenti minn dan l-obbligu għal raġunijiet validi mid-Direttur, *Primary Health Care*.

7. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni*;

jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq,

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the Senior Medical Officer or Principal Medical Officer in charge of the Health Centres and ultimately to the Director of Primary Health Care.

The duties of the appointee include:

a) seeing to the needs of patients calling at the Health Centres and Government dispensaries;

b) visiting patients in their home when a home visit is requested;

c) seeing patients in specialist clinics within the Health Centres;

d) keeping accurate clinical records on patients and recording any other information requested by the Division;

e) ensuring proper use of resources and facilities made available to him/her;

f) participating regularly in programmes of continuing professional development;

g) performing any other primary health care duties as required.

6. The appointee will be required to use hisċher own transport on official business on a reimbursement basis at the approved rate whenever he/she is engaged or deployed in the General Practitioner service, unless for a good reason exempted by the Director, Primary Health Care.

7. Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*;

or

(iv) the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and

sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għal ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) (i) ikunu uffiċjali pubbliċi fil-grad ta' *Medical Officer* li għandhom mill-inqas ħames snin servizz *full-time* jew ekwivalenti fil-*Health Centres* fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet;

jew

(ii) ikollhom is-*Certificate of Completion of Training in General Practice*;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1 Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' Riċerka.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa

(iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legistlation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) (i) be officers in the grade of Medical Officer who have completed at least five years full time service or equivalent in Health Centres on the closing date for the receipt of applications;

or

(ii) be in possession of the Certificate of Completion of Training in General Practice;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education or Research.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health

kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Ottubru 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates andċor testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 14th October 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent

biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE.

L-20 ta' Settembru, 2005

by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

* In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

20th September, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) fid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex.

2. Is-salarju għall-post ta' *Senior Registrar* (Anestesija) ikun ta' Lm7,521 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm275 sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru. 5)

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, b'mod ġenerali u d-Dipartiment tal-*Customer Services* b'mod partikolari u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Numru 3636/05, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Warren Azzopardi, ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 25 ta' April 2005

Lil: Warren Azzopardi

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' ħames mija u għaxar liri Maltin (Lm510) fi ħlas ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1996 u 1988 skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkata Dok. 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-Furjana.

Intimat: Peppina's, Triq il-Latmija,
Naxxar NXR 08, Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 15th July 2005, in the records of the judicial letter No. 3636/05, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Warren Azzopardi, ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by means of publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 25th April 2005

To: Warren Azzopardi

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of five hundred and ten Maltese liri (Lm510) in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 1996 and 1988 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made and a copy of which is also attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time above fixed he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present.

Interpellant: Department of Inland Revenue, Floriana.

Respondent: Peppina's, Triq il-Latmija
Naxxar NXR 08, Malta

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 15th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1944

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Mejju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) ta' Msida Road, Gżira GZR 03 ippreżentaw Talba fl-1 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Roderick Farrugia (ID 145182M) ta' 5, Triq il-Gardenia, Santa Luċija, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u sittax-il lira Maltija (Lm116) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 23rd May 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GasanMamo Insurance Limited (C3143) of Msida Road, Gżira GZR 03, filed a Claim on the 1st April 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Roderick Farrugia (ID 145182M) of 5, Triq il-Gardenia, Santa Luċija to pay the plaintiff company the sum of one hundred and sixteen Maltese liri (Lm116) which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 763/05PM) hija differita għal 20 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 15 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests.

The case (Claim Number 763/05PM) is put off for the 20th October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 15th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1945

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Tatjana Kavaji (ID20656A) ta' Rocklands, Block 3, Flat 5, Triq Stella Maris, Tas-Sliema, sabiex thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u erbgħa u erbgħin lira Maltija u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm744.61) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 773/05PM) hija differita għall-20 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 15 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 6th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 5th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Tatjana Kavaji (ID 20656A) of Rocklands, Block 3, Flat 5, Triq Stella Maris, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of seven hundred and forty four Maltese liri and sixty one cents (Lm744.61) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 773/05PM) is put off to the 20th October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 15th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1946

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Middle Sea Insurance plc bħala assikuratriċi tas-soċjetà Camilleri Holdings Ltd ta' Villa Eden, 25 Princess Elizabeth Street, Ta' Xbiex, ippreżentaw Talba, fit-2 ta' Diċembru 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Neville Gafà u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2005 it-Tribunal ordna l-kjamat in kawża ta' Redent Pintly ta' 325, Flat 1, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u sebgħin lira Maltija u erbgħin ċenteżmu (Lm870.40) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 25th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Middle Sea Insurance plc as insurer of Camilleri Holdings Ltd of Villa Eden, 25, Princess Elizabeth Street, Ta' Xbiex, filed a Claim on the 2nd December 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Neville Gafà and by a decree of the 21st January 2005 the Tribunal ordered that Pintly Redent be called into suit as third party of 325, Flat 1, Triq l-Imdina, Qormi, to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and seventy Maltese liri and forty cents (Lm870.40) which amount is due to the plaintiff company in connection with

rigward inċident awtomobilistiku li ġara fil-5 ta' Marzu 2004 fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 2287/04JR) hija differita għall-21 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 15 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

an accident which happened on the 5th March 2004 in Triq l-Imdina, Qormi.

With costs and interests.

The case (Claim Number 2287/04JR) is put off for the 21st October 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 15th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1947

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Lulju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 7835/04, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Dr. Raymond Fenech ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 10 ta' Dicembru 2004

Lil: Dr Raymond Fenech

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u disgħa u sittin lira Maltija (Lm3,269) dovuta kwantu għal elfejn, seba' mija u disgħin lira Maltija (Lm2,790) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2001 u 2002, u kwantu għal erba' mija u disgħa u sebgħin lira Maltija (Lm479) bħala taxxa addizzjonali skond l-Avviż/talba għall-ħlas hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok. 'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. 'A' fuq ċitat) il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni - Floriana.

Intimat: 7, Flowerlodge,
Triq is-Sajf, Qormi

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 15 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 4th July 2005, in the acts of the judicial letter number 7835/04, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Dr Raymond Fenech ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 10th December 2004

To: Dr Raymond Fenech

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of three thousand two hundred and sixty nine Maltese liri (Lm3,269) due as for two thousand seven hundred and ninety Maltese liri (Lm2,790) in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 2001 and 2002 and as four hundred seventy nine Maltese liri (Lm479) as additional tax according to the notice/request for payment hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc. 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made to you (see the same Doc. 'A' above mentioned) the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time above fixed he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present.

Interpellant: Department of Inland Revenue - Floriana.

Respondent: 7, Flowerlodge,
Triq is-Sajf, Qormi

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, 15th September 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1948

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tas-Subbasta Nru 6/2004 fl-ismijiet:-

HSBC Bank Malta p.l.c.

vs

Rita Ellul et. nomine

Imħallef: Onor Dott. Geoffrey Valenzia, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis 17 ta' Marzu, 2005 favur ta' HSBC Bank Malta p.l.c. bil-prezz ta' Lm70,000.00c0 "Animo Compensandi" għall-propjetà hawn taħt imsemmija li tappartjeni lil Rita Ellul, Alexandra Falzon Scerri u lil eredità ġjaċenti ta' Mario John Ellul, u cioé:

Il-villa bla numru jisimha "Villa Adalgisa", Triq Nicholas Monserrat, Ta' Giorni fil-limiti ta' San Ġiljan, kif soġġetta għas-sub-ċens annwu u perpetwu ta' Lm114.00c0, stmat li jiswa Lm122,720.00c0.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Emanuel Buttigieg kiser il-kwindena u offra Lm72,150.00c0 għall-propjetà fuq imsemmija.

Rat id-digriet tagħha preċedenti tat-30 ta' Marzu, 2005, liema digriet ma ġiex eżegwit stante nuqqas ta' notifika.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmija, il-jum tal-Ħamis 10 ta' Novembru, 2005, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debituri eżekutati, il-liberitarju u dak li offra l-aħħar.

Illum, it-2 ta' Awissu, 2005.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur,
Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court, in the records of Judicial Sale by Auction No. 6/2004 in the names:

HSBC Bank Malta p.l.c.

vs

Rita Ellul et. nomine

Honourable Dr Geoffrey Valenzia, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Thursday 17th March, 2005 in favour of HSBC Bank Malta p.l.c. for the price of Lm70,000.00c0 "Animo Compensandi" for the undermentioned property; which property belongs to Rita Ellul, Alexandra Falzon Scerri and the inheritance of Mario John Ellul, namely:

Unnumbered villa known as "Villa Adalgisa", in Nicholas Monserrat Street, Ta' Giorni limits of St. Julians, being subject to the annual perpetual sub-ground-rent of Lm114.00c0, valued at Lm122,720.00c0.

Whereas Emanuel Buttigieg interrupted the fifteen-day statutory time-limit by entering a bid of Lm72,150.00c0 for the said property.

Having seen its prior decree dated 30th March, 2005; which decree wasn't executed due to lack of services on all interested parties.

The Court therefore decrees and appoints Thursday the 10th day of November, 2005, between 9.00 a.m. and noon as the date for the Final Sale by Auction of the aforementioned immovable, which sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the debtors, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today, the 2nd day of August, 2005.

VINCENT ATTARD
For the Registrar
Civil Courts and Tribunals

1949

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 325/04 RCP, ordnat illi r-rikors u d-digriet hawn taħt riprodotti jiġi notifikati lill-konvenut bil-pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Ċit. Nru. 325/04 RCP

Galea Mary

Vs

Galea Donald

Mhux Appuntata

Rikors b'urġenza ta' Mary Galea

Tesponi bir-rispett;

Illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Diċembru 2004, dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba ta' l-esponenti sabiex hija tirrisjedi fid-dar matrimonjali , senjatament 36, Triq id-Dahar, l-Imġarr, flimkien ma' wliedha minuri, ad esklużjoni ta' żewġha.

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva bir-rispett illi din is-sitwazzjoni qed tirriżulta fi preġudizzju serju għall-esponenti u fuq kollox għall-minuri, b'dan illi effettivament mid-data ta' l-imsemmi digriet, is-sitwazzjoni baqgħet sejra dejjem għall-agħar.

.....Omissis.....

Illi l-esponenti tirrileva bir-rispett illi l-intimat ilu li abbanduna d-dar matrimonjali iktar minn tliet (3) snin, b' dan illi effettivament huwa għandu fond alternattiv illi qed jirrisjedi fih.

Illi għalhekk l-intimat qiegħed jidħol fid-dar matrimonjali biss biex jhedded, jgħajjar u jerfa' idejh fuq l-esponenti.....

.....Omissis.....

Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimat mhuwiex qed josserva l-modalitajiet ta' aċċess ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti u dan bi ksur tad-digriet fuq imsemmi, b'dan illi għaldaqstant huwa qed jidħol fid-dar matrimonjali sabiex jieħu lil uliedu minuri fi ġranet li fihom huwa m'għandux aċċess għalihom.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 15th July 2005, in the records of the Writ of Summons Number 325/04 RCP, ordered that the application and decree hereunder reproduced be notified upon the defendant by publication in terms of section 187(3) of Chapter 12.

In the Civil Court (Family Section)

Writ of Summons No. 325/04 RCP

Galea Mary

Vs

Galea Donald

Not appointed

Urgent Application of Mary Galea

Pleads with respect;

That by means of a decree dated 30th December 2004, this Honourable Court rejected the demand of the applicant to reside in the matrimonial home namely 36, Dahar Street, Mġarr, together with her minor children to the exclusion of her husband.

That is this regard the applicant points out with respect that this situation is resulting in serious prejudice to the applicant and especially to the minor, that effectively from the date of the said decree, the situation further deteriorated.

.....Omissis.....

That the applicant points out with respect that the respondent has abandoned the matrimonial home for more than three (3) years and effectively he has an alternative place where to reside.

That thus the respondent is entering the matrimonial home, to threaten, insult and beat the applicant.....

.....Omissis.....

That furthermore and without prejudice to the premised, the respondent is not observing the modalities of access, ordered by this Honourable Court and this in violation of the decree above mentioned, in such a manner that he is entering the matrimonial home to take his minor children on days when he does not have access to them.

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti qed issibha ferm diffiċli li twaqqaf lill-intimat milli jieħu lill-minuri stante illi l-intimat ikun verbalment kif ukoll fiżikament abbużiv fil-konfront tagħha.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tvarja d-digriet datat 30 ta' Diċembru 2004, limitatament għal dak li jirrigwarda l-ħames (5) talba;

2) Tinibixxi lill-intimat milli jidħol fid-dar matrimonjali senjatament 36, Triq id-Dahar, l-Imġarr;

3) Tawtorizza lill-esponenti tirrisjedi ġewwa l-imsemmija dar matrimonjali, flimkien ma' wiedha minuri, ad esklużjoni ta' l-intimat żewġha;

4) Tordna lill-intimat josserva l-modalitajiet ta' aċċess ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti, ai termini tad-digriet datat 30 ta' Diċembru 2004

u dan fl-interess suprem tal-minuri u dan kollu taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Intimat: 10, Victoria Flats, Triq it-Turisti, il-Qawra.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Imħallef

Onor. Raymond C. Pace, LL.D.

Ċitazzjoni Numru 325/04 RCP

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-attriċi datat 5 ta' Mejju 2005.

Tordna n-notifika lill-kontro-parti b'jumejn żmien għar-risposta.

Iff. Onor. Imħallef Raymond C. Pace, LL.D.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 16 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That in this regard the applicant is finding it very difficult to stop the respondent from taking the minor since the respondent is being both verbally and physically abusive in his regard.

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court:

1) Varies the decree dated 30th December 2004, limitedly as regards the fifth (5) demand;

2) Prohibits the respondent from entering the matrimonial home namely 36, Dahar Street, Mġarr;

3) Authorise the applicant to reside in the matrimonial home, together with her minor children, to the exclusion of the respondent her husband;

4) To order the respondent to observe the modalities of access ordered by Honourable Court, in terms of the decree dated 30th December 2004

and this in the supreme interest of the minor and this under all those conditions which this Honourable Court deems fit and opportune.

Respondent: 10, Victoria Flats, Tourists Street, Qawra.

Civil Court

(Family Section)

Judge

Hon. Raymond C. Pace, LL.D.

Writ of Summons Number 325/04 RCP

The Court,

Having seen the application dated 5th May 2005.

Orders that the respondent be notified and he is to file a reply within two days.

Sgd. Hon. Mr Justice Raymond C . Pace, LL.D.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 16th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1950

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Settembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 49/1995, fl-ismijiet Josephine Farrugia pro et noe vs Victor Farrugia, ordnat illi r-rikors hawn taħt riprodott jiġi notifikat lill-intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Wara s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 1998

Fl-ismijiet

Ċit. Nru 49/95 VDG

Josephine Farrugia f'isimha proprio u bħala kuratriċi ad litem ta' wlied minuri Louise u dan b'digriet ta' l-ewwel (1) ta' Frar 1995

vs

Victor Farrugia

Rikors ta' Josephine Farrugia.

Tesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' sentenza tat-13 ta' Marzu 1998 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 1) dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat l-firda personali bejn l-esponenti u żewġha Victor Farrugia.

Illi fis-sentenza fuq imsemmija, l-Onorabbli Qorti pprovdiet billi tassenja nofs indiviż kull wieħed mill-partijiet tal-fond 52/53, St. Joseph Street, Ħal Qormi u tal-garaxx bin-numru 20.

Illi oltre dan l-istess Onorabbli Qorti ordnat li dawn il-fondi jinbiegħu fi żmien tmien xhur mid-data ta' l-imsemmija sentenza.

Illi in segwitu għas-sentenza msemmija l-esponenti flimkien ma' żewġha, ippruvaw u damu għal żmien twil jippruvaw ibiegħu l-fond de quo iżda qatt ma jinqala' ħadd idoneu biex jixtrih.

Illi fl-aħħar wara tali diversi tentattivi l-partijiet laħqu ftehim bejniethom fis-sens illi l-esponenti akkwistat in-nofs indiviż tal-fond de quo mingħand żewġha u dan permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 2).

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 7th September 2005, in the records of the Writ of Summons Number 49/1995, in the names Josephine Farrugia pro et noe vs Victor Farrugia ordered that the application hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Civil Court (Family Section)

Following the judgement given on the 13th March 1998

In the names

Writ of Summons No. 49/95VDG

Josephine Farrugia in her own name and as curator ad litem of her minor child Louise and this by decree of the first (1st)of February 1995

vs

Victor Farrugia

Application of Josephine Farrugia.

Pleads with respect:

That in virtue of a judgement of the 13th March 1998 (copy hereby attached and marked Doc. 1) this Honourable Court declared the personal separation between the applicant and her husband Victor Farrugia.

That in the judgement above mentioned, the Honourable Court provided, by assigning one half undivided each one of the parties of the premises 52/53 St. Joseph Street, Qormi and of the garage number 20.

That besides this same Honourable Court ordered that these premises be sold within eight months from the date of the said judgement.

That following the judgement mentioned the applicant together with her husband tried and for a long while tried to sell the premises de quo but no suitable person came forward to buy it.

That at last after various attempts the parties reached agreement between them in the sense that the applicant acquired one-half undivided share of the premises de quo from her husband and this in virtue of a contract dated 20th November 2003, in the records of Notary Dr Patricia Hall (copy hereby attached and marked Doc. 2).

Illi tali ftehim sar proprju minħabba l-fatt illi baqa' ma nstabx xerrej għal żmien twil u bl-ebda mod b'xi intenzjoni ta' ksur ta' xi ordni jew dispożizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Għaldaqstant l-esponenti għal kull buon fini titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi l-kuntratt datat 20 ta' Novembru 2003, fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall konkluż bejn l-esponenti u żewġha (li kienu l-partijiet fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi) ma jikkostitwix ksur effettiv tal-provvediment tas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 1998 fuq imsemmija.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni Familja)

Imħallef Onor. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Ċit. Nru. 49/1995 VDG

Fl-ismijiet:

Josephine Farrugia pro et noe

Vs

Victor Farrugia

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors,

Tordna notifika lill-intimat li jkollu erbat (4) ijiem biex iwieġeb.

Illum 3 ta' Ġunju 2005.

Anne Xuereb

Deputat Reġistratur.

Notifika lil: Victor Farrugia (ID 441145)
44, St. Sebastian,
Triq Santa Marija,
Ħal Qormi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 16 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That this agreement was made due to the fact that a buyer was not found for a long time and with no intention to break any order or disposition of this Honourable Court.

Thus the applicant for all intents and purposes prays with respect that this Honourable Court declares that the contract dated 20th November 2003, in the records of Notary Dr Patricia Hall concluded between the applicant and her husband (who were the parties in the cause in the names above premised) does not constitute an effective break of the provision of the judgement given by this Honourable Court on the 13th March 1998, above mentioned.

Civil Court

(Family Section)

Judge Hon. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Writ of Summons No 49/1995 VDG

In the names:

Josephine Farrugia pro et noe

Vs

Victor Farrugia

The Court,

Having seen the Application,

Orders that the respondent be notified and he is to file a reply within four (4) days.

Today 3rd June 2005.

Anne Xuereb

Deputy Registrar.

Notify: Victor Farrugia (ID 441145)
44, St. Sebastian,
Saint Mary Street,
Qormi.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 16th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1951

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-2 ta' Settembru 2005, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru 2005, fuq talba ta' Dott. Louis Bianchi noe ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-intimata Eurl Deguiche Import-Export, fl-atti taċ-Ċitazzjoni fl-ismijiet 'Dott. Louis Bianchi noe vs Kuraturi Deputati et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti'.

Permezz ta' Ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Awissu 2005, mill-Avukat Dottor Louis Bianchi (ID No. 27347M) bħala mandatarju speċjali tas-so- ċjetà estera Lacoste S.A. ta' 8 Rue de Castiglione, Pariġi, 75001, Franza, kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill Eurl Deguiche Import-Export, Diar El Kheoua No. 02, Section Erredouana No. 93, Bouloughine IBN Ziri, Algiers/Algerie, fejn talab il-konvenuta għaliex għar-raġunijiet hawn qabel premessi m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi ġkieket li fuqhom hemm sinjali LACOSTE u disinni partikolari ta' – u inkludenti – kukkudril – CROCODILE – u li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container Nru ECMU 9067790 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi fir-rigward tat-trademarks tagħha bin-numri ta' reġistrazzjoni 37509, 15607, 15461, 15462, 15463, u 15464 għar-rigward il-kelma LACOSTE, 31033 għar-rigward il-kelma CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434 u 15435 għal CROCODILE pinġut u 1730 għal kelma LACOSTE bil-CROCODILE pinġut, rispettivament;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mil-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lil u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad il-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoniġ;

(4) tordna lill-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnat ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oġġetti

It is hereby notified that by a decree given on the 2nd September 2005, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

Whereas by a decree given by this Court on the 2nd September 2005, following a request of Dr Louis Bianchi noe it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent Eurl Deguiche Import-Export in the records of the Writ of Summons in the names 'Dr Louis Bianchi noe vs Deputy Curators et and in the relative and subsequent acts'.

By means of a Writ of Summons filed in the First Hall Civil Court on the 31st August 2005, by Advocate Dr Louis Bianchi (ID No.27347M) as special mandatary of the foreign company Lacoste S.A. of 8 Rue de Castiglione, Paris , 75001, France against Deputy Curators to represent EURL Deguiche Import-Export, Diar El Kheoua No. 02, Section Erredouana No. 93, Bouloughine IBN Ziri, Algiers/Algerie, whereby he asked the defendant why for the reasons premised before this Honourable Court should not:

(1) declare that the objects consisting in jackets on which there are the marks LACOSTE and particular designs including a CROCODILE – and which are presently under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of the container Number ECMU 9067790 containing the said articles contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company as regards its trademarks with registration numbers 37509, 15607, 15461, 15462, 15463 and 15464 as regqards the word LACOSTE, 31033 as regards the word CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433,15434 and 15435 for the design of a CROCODILE and 1730 for the word LACOSTE with the design of a CROCODILE respectively;

(2) to order the Comptroller of Customs to dispose from these objects outside trades channels in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company, or to order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without compensation to and at the expense of the defendant;

(3) to take or order the Comptroller of Customs to take regarding these objects, any other measure which shall have effect to derive the defendant of the economic benefits of the transaction;

(4) to order that the defendant bear all the expenses in connection with the measures ordered in terms of the second and third demand of the plaintiff, including those of transport

għall-ħażna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-ħażna stess kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-ħażna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjrazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu , inti għandek tgħarraf minnfih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Noel Cuschieri, LL.D.
Duttur tal-Liġi.

Illum 2 ta' Settembru 2005.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 16 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati u Ċivili

of the said objects for storage in Malta, before their eventual destruction, of the storage itself and the transport from the storage place till the place of eventual destruction.

With all costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

You are thus ordered to fix an official copy of this bann in the entry of the Superior Courts and call whosoever wants to appear as a curator to appear within six days in this Registry, and by a note makes a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he does not make the declaration within the time above given, this Court shall pass to choose curators of office.

And after so doing or if you encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform this Court forthwith.

Given by the aforementioned First Hall Civil Court with the witness of the Hon. Mr Justice Noel Cuschieri, LL.D.
Doctor of Laws.

Today 2nd September 2005.

Registry of the Superior Courts, today 16th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1952

BILLI ANGELO MEILAK ippreżenta ċitazzjoni numru 84/2005 (AMT) fl-ismijiet "Angelo Meilak -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex" fejn talab il-korrezzjoni ta' l-ATT TAT-TWELID tiegħu stess li jġib in-numru wieħed tas-sena elf disa' mija u ħamsa u ħamsin (1/1955).

Kull min jidhirlu li għandu nteress u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax (15) -il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smiegħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri.

Illum 16 ta' Settembru, 2005.

MAUREEN XUEREB
Deputat Reġistratur

WHEREAS ANGELO MEILAK filed a writ of summons no. 84/2005 (AMT) in the names "Angelo Meilak -vs- Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex" demading CORRECTIONS in his ACT OF BIRTH number one of the year one thousand nine hundred and fifty five (1/1955).

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen (15) days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified, by the service of a copy of the said writ of summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Matter.

This 16th September, 2005.

MAUREEN XUEREB
Deputy Registrar

1953

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Awissu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 144/05 GCD, fl-ismijiet Manchè Tabib Dott. Richard vs Giovarrone Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Giovarrone Ltd ai termini ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Tabib Dott. Richard Manchè u l-Ispiżjar Reginald Fava għan-nom u in rappreżentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja K.I. Numru 534128(M) u 681933(M) rispettivament ippreżentaw Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Frar 2005, kontra Giovarrone Limited fejn talbu s-soċjetà konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1) Tiddikjara li, bl-iskrittura privata tat-22 ta' Lulju 2003, is-soċjetà konvenuta effettivament kriet il-fond kummerċjali in kwistjoni lil Misten-Place Limited;

2) Tiddikjara li minħabba din il-kirja, iċ-ċens dovut lill-attur nomine għall-perijodu bejn it-12 ta' Lulju 2003 u l-11 ta' Lulju 2005, ai termini tal-kuntratt ta' enfitewsi (Dok A) għandu jirdoppja minn Lm5,900 għal Lm11,800;

3) Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi nomine s-somma fuq riferita ta' Lm11,800.

Bl-imgħax kummerċjali mid-data ta' kull skadenza ta' ċens u bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Mejju 2004, kontra s-soċjetà konvenuta li rappreżentanti legali tagħha jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Konvenuta: 23, Windmill Street,
Valletta.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 19 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 3rd August 2005, in the records of the Writ of Summons Number 144/05 GCD, in the names Manchè Doctor of Medicine Richard vs Giovarrone Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of Giovarrone Ltd in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Doctor of Medicine Richard Manchè and Chemist Reginald Fava in the name and in representation of the Conservatorio Vincenzo Bugeja ID Number 534128(M) and 681933(M) respectively filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 8th February 2005, against Giovarrone Limited whereby they asked the defendant company why this Honourable Court should not:

1) Declare that by a private writing of the 22nd July 2003, the defendant company effectively granted on lease the commercial premises in question to Misten-Place Limited;

2) Declare that due to this lease, the groundrent due to the plaintiff nomine for the period between the 12th July 2003 and the 11th July 2005 in terms of the contract of empytheusis (Doc A) is to double from Lm5,900 to Lm11,800;

3) Consequently condemn the defendant company to pay the plaintiff nomine the sum above mentioned of Lm11,800.

With commercial interest from the date of each instalment of groundrent and with costs including those of judicial letter of the 27th May 2004, against the defendant company whose legal representatives are summoned so that a reference to their oath be made.

Defendant: 23, Windmill Street,
Valletta.

Registry of the Superior Courts, today 19th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1954

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Awissu 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 657/05 GV, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. (C 22334) vs M.D. Trucking Limited ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Maltacom p.l.c. ippreżentaw Ċitazzjoni fil-11 ta' Lulju 2005, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra M.D. Trucking Limited (C 23407) fejn talbu s-soċjetà konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1) Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba tas-soċjetà attriċi bid-dispensa tas-smigħ ta' kawża a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlettax-il elf, ħames mija u sitta u sittin lira Maltija u dsatax-il ċenteżmu (Lm13,566.19).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imgħaxijiet mill-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni, kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Konvenuti: 30, Triq Fra Diego, Marsa.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 657/05 GV, fl-ismijiet Maltacom p.l.c. (C 22334) vs M.D. Trucking Limited tinsab differita għad-19 ta' Ottubru 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th August 2005, in the records of the Writ of Summons Number 657/05 GV, in the names Maltacom p.l.c. (C 22334) vs M.D. Trucking Limited ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Maltacom p.l.c. filed a Writ of Summons on the 11th July 2005, in the First Hall Civil Court, against M.D. Trucking Limited (C 23407) whereby they asked the defendant company why this Honourable Court should not:

1) Decide the cause according to the demand of the plaintiff company without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167 et sequitur of Chapter 12 of the Laws of Malta;

2) Condemn the defendant company to pay the plaintiff company the sum of thirteen thousand, five hundred and sixty six Maltese liri and nineteen cents (Lm13,566.19).

With costs, including the VAT Tax on professional fees, and with interests from the date of filing this writ of summons, against the defendant company which is now summoned so that a reference to its evidence be made.

Defendants: 30, Fra Diego Street, Marsa.

The case Writ of Summons Number 657/05 GV, in the names Maltacom p.l.c. (C 22334) vs M.D. Trucking Limited has been put off to the 19th October 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 19th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*